**MINUTI**

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 5**

IT-TIENI PARTI TAL-LAQGĦA LI SARET NHAR
IT-TNEJN 8 TA' LULJU 2013 FIL-3.00 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

**PREŻENTI**

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## I KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku M Zammit fetaħ it-tieni parti tal-laqgħa billi tkellem dwar il-Laqgħa tal-Konsultazzjoni li għamlu rigward l-iskart.

- Għandu jkun hemm notifikazzjoni fuq ġranet tal-knis u ġbir tal-boroż is-suwed u l-griżi
- Issemmew il-green skips u r-residenti mhux kollha qablu dwarhom, iktar le milli iva
- Il-Bins tal-klieb m'humiex jitnaddfu regolari
- CCTV sabiex tirregola lil min jikser il-liġijiet
- Ħofra li taghmel parti minnha mal-Imsida fi Triq Principessa Margarita cw Triq Guzeppe Cali  li qed tkun ta' problema  li qed teskala minħabba r-rimi ta' skart
- Fis-sqaq ta fejn Triq Emanuel galizia għandha titweħħel tabella li tghid li ħadd m'għandu jarmi żibel hemm.
- Biex isir orarji tal-knis qabel is-seba' ta' filgħodu jew filgħaxija kif wkoll il-ġbir ta' skart.
- Biex il-propetarju tas-softarea ta quddiem il-bowling alley l-antika jinġibdlu l-attenzjoni  ħalli tindaffaf
- Siringi u tissues u contraċettivi mal-art
- Biex issir bozza ġdida fejn hemm doggy bin  fi Triq Enrico Mizzi
- Ssuġġerrew li l-Kunsill jaħdem bil-magna tal-*isweeping* f'din l-area
- Kien hemm wkoll ilmenti rigward il-prostituzzjoni f'din l-area

ii Is-Sindku M Żammit avża lil Kunsill  li l-korses tat-TCTC iKids  li  applikaw xi residenti minn Ta' Xbiex se jsiru fiċ-ċentru li għandhom il-Kunsill ta' l-Imsida għar-residenti ta' Ta' Xbiex.

iii Is-Sindku M Żammit tkellem rigward il-fuljett tat-Tmunier fejn il-Kunsillera talbuh biex itihom ftit żmien biex jirrivedu l-kitba tagħhom.

iv Is-Sindku M Zammit isuġġerrixxa li jsiru ATM's tal-HSBC u tal-BOV fil-lokalita' peress li m'hawnx banek. Bdew jikkonsidraw l-aħjar post biex issir u s-Sindku ssuġġerrixa fejn is-substation f'Abate rigord. Il-Kunsilleir Anthony Cachia Castelletti qabel iżda staqsa rigward d-divoluzzjoni tat-tool room li kienet ser issir u l-possibilita li jużaw lilha biex jgħamlu l-ATM's.

**II ĦWEJJEĠ OĦRA**

**i Mozzjoni mressqa mis-Sindku M Żammit**

**Mozzjoni Nru 002**

| | |
|---|---|
| **Suġġett:** | **Ċaqlieq tal-Bring–In-Sites minn Triq G Cali għall-Triq Abate Rigord** |
| **Proposta minn** | **Max Żammit – Sindku** |
| **Issekondat minn** | **Viċi Sindku Ronnie Portelli u Kunsillier Frank roe** |

Is-Sindku Max Zammit qal li għandu jsir aktar nfurzar ghal min jarmi skart barra u jixtieq li l- *bring in sites* li hemm Triq Guzeppe Cali jiġu mressqa ftit metri l-isfel fi Triq Abate Rigord (faccata l-istess kantuniera). B'din il-miżura nemmen li jekk is-separazzjoni ta' l-iskart issir kif suppost ma jkunx hemm żibel madwaru.

ii **Mressqa Emenda ghal-Mozzjoni Nru 002**

**Emenda għal Mozzjoni nru 002**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | Emenda kontra Mozzjoni Nru 002 |
| Proposta minn | Kunsillier E Muscat |
| Ssekondat | Kunsillier A Cachia Castelletti |

Ġiet ippreżentata emenda għal din il-mozzjoni li ġiet pproponata mill-Kunsillier Eugenio Muscat u ssekondat mill-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti u tghid hekk: Għandu jsir sforz biex b'hekk dan l-infurzar għandu jiggarrentixxi li ma jitħalliex żibel fejn suppost partikularment fejn qegħdin l-iskips illum. Għaldaqstant qegħdin nitolbu biex dawn il-bring-in- sites ma jiġux imċaqalqa kif indikat fil-mozzjoni. Kif wkoll sabiex minn erba' bring-in-sites ġewwa Ta' Xbiex ma jkunx hemm tlieta minnhom fix-Xatt ta' Ta' Xbiex. Dan qed jintqal għal-fatt ta wara l-laqgħa ta' konsultazzjoni li kellu l-Kunsill mar-residenti ta' l-inħawi fuq il-problema tal-*bring-in sites.*

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace resaq għal-votazzjoni l-ewwel emeda fejn ittieħed vot.

| **Favur l-Emenda** | **Kontra l-emenda** |
|---|---|
| Kunsillier Anthony Cachia Castelletti | Sindku Max Żammit |
| Kunsillier Eugenio Muscat | Viċi Sindku Ronnie Portelli |
| | Kunsillier Frank Roe |

Ghaldaqstant l-Emenda m'għadietx.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv resaq il-mozzjoni tas-Sindku għal-vot u r-riżultat kien hekk:

| **Favur l-Mozzjoni** | **Kontra l-Mozzjoni** |
|---|---|
| Sindku Max Żammit | Kunsillier Anthony Cachia Castelletti |
| Viċi Sindku Ronnie Portelli | Kunsillier Eugenio Muscat |
| Kunsillier Frank Roe | |

## II RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

**i** Il-Kunsilliera Frank Roe resaq lista ta' affarrijiet li hemm bżonn isiru fil-lokalita'.

- Biex issir iż-żebgħa taż-*żebra crossing* f'Abate Rigord (fejn l-ex Opel) peress li telaq kollu u nġibu ftit kwottazzjonijiet għaż-żebgħa. Il-Kunsillier A Cachia Castelletti ssuġġerrixxa li hemm xi żebgħa speċjali li għandna nikkonsidraw.
- Issuġġerrixxa li għandha toħroġ Tender għall-Manutenzjoni għal-tiswijiet fil-lokalita'
- Li t-tappieri jiswew 40 euro l-wieħed.
- Kien hemm ilmenti min-nies li jistennew fuq il-*bus stop* ta' quddiem il-Marina Business Centre li l-ħaddiema tagħhom qegħdin jużaw il-*bus shelter* għal-affarrijiet oħra u talab is-Sindku biex jinkiteb ittra lilhom.

- Il-fanali taż-*zebra crossing* ta' quddiem il-Blue Harbor ix-Xatt mkissrin u għandhom isiru ġodda.

- L-ELC talbu biex ikun hemm *loading/unloading* quddiem l-blokk E5 biex ikunu jistgħu jsaqqu s-*soft areas*.

- It-taraġ bejn il-Blue Harbour u Crowne Marina mkisser, u jrid jissewwa kif ukoll issir iktar dawl. Il-Kunsilleir A Cachia Castelletti issuġġerrixxa li naraw jekk'x jistax jitħallas bhalha liability.

**ii Rapport rigward il-Kuntrattur tal-Knis**

Il-Kunsillier E Muscat ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-Kuntrattur li għandu l-Kuntratt tal-Knis mhux qed jgħamel xogħolu sewwa mar-regolamenti tal-Kuntratt. Il-Kunsillier a cachia castelletti tkellem wkoll dwar ċert nuqqassijiet minn dan il-Kuntrattur u rrakomanda illi jekk dan il-kuntrattur jibqa ma joservawx dawn ir-regolamenti tat-tender għandha tinħareġ default Notice diskussjoni u l-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-Kuntrattur sabiex jiġu diskussi n-nuqqassijiet li qed isiru f'dan it-tender.

**III AFFARRIJIET FINANZJARJI**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace resaq l-iskeda tal-pagamenti mill-29.05.13 sat-8.07.13.

Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku M Żammit,, il-Kunsillera Frank Roe u Anthony Cachia Castelletti u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace.

**IV EGĦLUQ TAL-LAQGĦA**

Il-Laqgha tal-Kunsill spiccat fis-6.00pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss se jsir fid-29 ta' Lulju 2013 fit-3.00pm.

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv